Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2026/2070(INI)

11.6.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar it-tisħiħ tal-ħiliet fl-Unjoni – opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fi żminijiet ta' tranżizzjoni
(2026/2070(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Brigitte van den Berg

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 7

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-tisħiħ tal-ħiliet fl-Unjoni – opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fi żminijiet ta' tranżizzjoni

(2026/2070(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Herning dwar Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali attraenti u inklużivi għal aktar kompetittività u impjiegi ta' kwalità 2026-2030, adottata mill-Istati Membri fit-12 ta' Settembru 2025,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 bit-titolu "L-Unjoni tal-Ħiliet" (COM(2025)0090),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Marzu 2026,

– wara li kkunsidra r-Regolament 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2026),

A. billi 34,7 % tal-Ewropej kisbu diploma ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET); billi 49 % tal-istudenti kollha fl-UE huma rreġistrati fi programm tal-VET[3]; billi l-VET huma meqjusa li għandhom anqas valur mill-edukazzjoni akkademika f'ħafna Stati Membri; billi l-istudenti u l-gradwati tal-VET jistgħu jesperjenzaw preġudizzju soċjali jew opportunitajiet imnaqqsa bħala riżultat ta' din id-diskrepanza fil-perċezzjoni;

B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz

[1] ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.
[2] ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/817/oj.
[3] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "VET statistics and indicators" (Statistiċi u indikaturi tal-VET) https://www.cedefop.europa.eu/en/projects/statistics-and-indicators.
[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet),

tal-perkorsi tal-VET;

C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi u għar-reżiljenza tal-industrija tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali juru li jeħtieġ investiment sostanzjali fil-VET;

D. billi l-preġudizzji persistenti tas-soċjetà u tal-politika, li jinkwadraw il-perkorsi tal-edukazzjoni f'termini ta' ġerarkija, jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' attraenza tal-perkorsi vokazzjonali u biex il-kurrent ikaxkar lejn edukazzjoni akkademika, u b'hekk jiġi limitat ir-rikonoxximent ugwali tat-talenti, tiġi mminata l-koeżjoni soċjali u jiġi aggravat in-nuqqas kritiku ta' ħiliet fl-okkupazzjonijiet vokazzjonali;

E. billi l-ostakli amministrattivi bla bżonn, il-proċeduri frammentati ta' rikonoxximent u l-interoperabbiltà insuffiċjenti bejn is-sistemi nazzjonali jkomplu jfixklu l-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari tal-professjonisti tal-VET; billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET, filwaqt li jinżammu standards għoljin;

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-VET fis-soċjetà

1. Jenfasizza l-importanza tal-VET għall-prosperità ekonomika u għall-kompetittività tal-UE; jisħaq fuq l-importanza li l-VET jiġu promossi u apprezzati sabiex tittejjeb l-attraenza tagħhom bħala perkors ta' kwalità għall-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrateġija tal-VET li jmiss tindirizza l-kwalità u r-rilevanza tal-kurrikuli tal-VET, flimkien ma' promozzjoni mtejba tal-programmi tal-VET għall-istudenti, għall-impjegaturi u għall-pubbliku ġenerali;

2. Jisħaq li l-VET għandhom jitqiesu bħala għodda li tista' tappoġġja kemm l-iżvilupp personali tal-istudenti u tal-ħaddiema kif ukoll li tindirizza n-nuqqas fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-UE u jappoġġjaw l-innovazzjoni f'setturi strateġiċi;

3. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-istudenti u l-gradwati tal-VET iħossu li l-kwalifiki u l-professjonijiet tagħhom huma apprezzati b'mod ugwali bħall-edukazzjoni akkademika, biex jiġu żgurati l-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali;

4. Jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jippromwovu terminoloġija aktar rispettuża għall-perkorsi tal-edukazzjoni u jitbiegħdu minn termini bħall-edukazzjoni "għolja" u "ta' livell baxx"; jistieden lill-Kummissjoni tħassar il-mira fil-livell tal-UE għall-kisba ta' edukazzjoni għolja bħala punt ta' riferiment, peress li ma tikkonformax mal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tapprezza l-VET b'mod ugwali;

5. Jappella biex l-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jinvolvu lill-istudenti u lill-gradwati tal-VET fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politika biex tiġi jiżgurata parteċipazzjoni ugwali, u joffru apprendistati tal-VET;

---

https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.

6. Jirrikonoxxi l-kontribut ta' WorldSkills u EuroSkills biex jippromwovu l-eċċellenza, l-innovazzjoni u l-attraenza tal-VET madwar l-Ewropa; iħeġġeġ kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-kompetizzjoni tal-ħiliet tal-VET sabiex tiġi promossa l-eċċellenza vokazzjonali u tiġi appoġġjata l-viżibbiltà tal-VET; jirrikonoxxi li dawn il-kompetizzjonijiet u l-oqfsa assoċjati tagħhom, bħall-Istandards Okkupazzjonali WorldSkills, għandhom iservu bħala ispirazzjoni għal dawk li jfasslu l-politika u għall-iżvilupp tal-politika tal-VET u r-rikonoxximent tal-ħiliet;

7. Ifakkar li għalkemm il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Unjoni tal-Ħiliet" tiddikjara li l-VET għandhom isiru "perkors ta' tagħlim apprezzat b'mod ugwali bħall-edukazzjoni għolja", il-VET għadhom jirċievu sehem iżgħar mill-finanzjament ta' Erasmus+, meta mqabbla mal-edukazzjoni akkademika; jinsisti li l-allokazzjoni baġitarja tiegħu tiżdied biex jiġi żgurat li dan l-objettiv jintlaħaq fil-prattika, u biex tiġi appoġġjata l-mira ta' mobbiltà għat-tagħlim ta' "Ewropa Attiva" ta' 12 % għall-istudenti tal-VET sal-2030;

It-titjib tal-kwalità u r-rilevanza tal-VET permezz ta' aktar investiment

8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;

9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-fornituri tal-VET biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;

10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost;

11. Jisħaq li l-IA u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;

12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-apprendistati u l-internships fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;

Ir-rikonoxximent tal-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema

13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent

u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;

14. Jiddispjaċih għall-fatt li l-adozzjoni tal-Oqfsa ta' Taħriġ Komuni skont id-Direttiva 2005/36/KE[5] kienet limitata, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-korpi professjonali rilevanti jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom fis-setturi vokazzjonali, fejn rekwiżiti ta' taħriġ komuni jistgħu jappoġġjaw il-mobbiltà professjonali u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet;

°

° °

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[5] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj).

NOTA SPJEGATTIVA

L-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET) huma indispensabbli għall-prosperità ekonomika u l-għall-kompetittività, għar-reżiljenza tal-industrija u għall-koeżjoni soċjali tal-Ewropa. Kważi nofs l-istudenti kollha tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell fl-Unjoni Ewropea huma rreġistrati fi programmi vokazzjonali, filwaqt li miljuni ta' ħaddiema jiddependu fuq kwalifiki vokazzjonali biex jikkontribwixxu għal setturi essenzjali għall-funzjonament u għall-kompetittività tal-Ewropa. Madankollu, minkejja l-importanza strateġika tagħha, l-edukazzjoni vokazzjonali għadha tirċievi anqas rikonoxximent u prestiġju mill-edukazzjoni orjentata lejn l-akkademja f'ħafna Stati Membri. Din ir-riżoluzzjoni tirreaġixxi għall-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet tal-Kummissjoni Ewropea u l-objettivi tad-Dikjarazzjoni ta' Herning, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għad-dibattitu dwar l-Istrateġija Ewropea tal-VET li jmiss u l-Inizjattiva ppjanata dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet. Ir-riżoluzzjoni tistabbilixxi l-viżjoni tal-Parlament Ewropew għal settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali aktar b'saħħtu, aktar attraenti u li ġenwinament jiġi apprezzat b'mod ugwali.

L-Ewropa bħalissa qed tiffaċċja paradoss. Fi żmien meta t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-modernizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tixjiħ demografiku qed joħolqu domanda bla preċedent għall-ħiliet vokazzjonali, il-perkorsi vokazzjonali għadhom jitqiesu bħala anqas mixtieqa mill-edukazzjoni akkademika. It-tbassir tas-suq tax-xogħol jindika b'mod konsistenti nuqqasijiet sostanzjali f'setturi li jiddependu ħafna fuq il-kwalifiki vokazzjonali, inklużi l-manifattura, il-kostruzzjoni, it-trasport, il-kura tas-saħħa, l-enerġija u l-professjonijiet tekniċi avvanzati. Fl-istess ħin, ħafna żgħażagħ għadhom jirċievu l-messaġġ li s-suċċess fl-edukazzjoni jitkejjel primarjament bil-progressjoni fl-edukazzjoni għolja.

Din l-isfida mhijiex biss ekonomika iżda wkoll kulturali. Għal għexieren ta' snin, il-politika tal-edukazzjoni u d-diskors pubbliku madwar l-Ewropa spiss ittrattaw il-perkorsi akkademiċi u vokazzjonali qishom jeżistu f'ġerarkija, aktar milli tqiesu bħala forom differenti iżda ugwalment siewja ta' tagħlim u għarfien espert. L-espansjoni tal-edukazzjoni għolja ħolqot opportunitajiet importanti għal miljuni ta' Ewropej, iżda kkontribwiet ukoll għal perċezzjoni li l-edukazzjoni vokazzjonali tirrappreżenta t-tieni l-aħjar għażla. Din il-ġerarkija ta' apprezzament tkompli ssawwar id-deċiżjonijiet dwar l-edukazzjoni, il-gwida għall-karrieri, l-eżiti tas-suq tax-xogħol, u l-attitudnijiet tal-pubbliku lejn professjonijiet vokazzjonali.

Il-konsegwenzi jmorru ferm lil hinn mill-politika tal-edukazzjoni. F'ħafna Stati Membri, iċ-ċittadini b'edukazzjoni prattika għadhom jiltaqgħu ma' żvantaġġi strutturali f'oqsma li jvarjaw mill-progressjoni tal-karriera u l-opportunitajiet ta' introjtu għar-rappreżentanza politika u l-aċċess għall-akkomodazzjoni. Filwaqt li s-soċjetajiet jiddependu fuq tekniċi, nies tas-sengħa, ħaddiema tal-kura tas-saħħa b'ħiliet u professjonisti vokazzjonali oħra, dawn l-okkupazzjonijiet spiss ma jirċevux l-istess rikonoxximent soċjali u ekonomiku bħall-professjonijiet li jirrikjedu kwalifiki akkademiċi. Tali disparitajiet jirriskjaw li jsaħħu d-diviżjonijiet soċjali bejn ċittadini edukati b'mod prattiku u b'mod teoretiku, jillimitaw il-mobbiltà soċjali, jheddu r-reżiljenza demokratika u jdgħajfu l-fiduċja f'dak li ntwiegħed li l-forom kollha ta' talent huma apprezzati b'mod ugwali.

Dawn l-inugwaljanzi għandhom ukoll konsegwenzi ekonomiċi sinifikanti. Il-kompetittività tal-Ewropa tiddependi dejjem aktar fuq il-kapaċità tagħha li tattira, tiżviluppa u żżomm ħaddiema b'ħiliet vokazzjonali. It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, l-użu ta'

teknoloġiji ġodda, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-industrija Ewropea u l-isforzi biex jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi kollha jirrikjedu forza tax-xogħol vokazzjonali b'livell għoli ta' ħiliet. Għalhekk, in-nuqqas ta' ħiliet mhuwiex biss ir-riżultat ta' tibdil demografiku jew trasformazzjoni ekonomik.a; huma wkoll parzjalment il-konsegwenza ta' għażliet tas-soċjetà u ta' politika li ilhom jeżistu u li ssottovalutaw l-edukazzjoni vokazzjonali u l-professjonijiet vokazzjonali. Konsegwentement, biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ aktar minn taħriġ ta' ħaddiema addizzjonali. Dan jirrikjedi li jinġiebu lura l-attraenza, l-istatus u l-viżibbiltà tal-perkorsi vokazzjonali fis-soċjetà kollha.

It-titjib tal-kwalità u r-rilevanza tal-VET huwa parti essenzjali minn dan l-isforz. Huma meħtieġa sħubijiet b'saħħithom bejn il-fornituri tal-edukazzjoni, l-impjegaturi, l-awtoritajiet reġjonali u s-sħab soċjali biex jiġi żgurat li l-programmi vokazzjonali jibqgħu jirreaġixxu għall-iżviluppi tas-suq tax-xogħol u għall-bidla fit-teknoloġija. Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u l-apprendistati juru l-potenzjal ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-edukazzjoni u l-industrija biex jitrawmu l-innovazzjoni, l-iżvilupp reġjonali u t-tkabbir ekonomiku. Fl-istess ħin, l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid se jsiru dejjem aktar importanti hekk kif l-intelliġenza artifiċjali, l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni jkomplu jittrasformaw l-okkupazzjonijiet u r-rekwiżiti tal-ħiliet.

Il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u r-rikonoxximent tal-kwalifiki jibqgħu wkoll fundamentali għal suq tax-xogħol Ewropew li jiffunzjona tajjeb. Il-moviment liberu tal-ħaddiema huwa wieħed mil-libertajiet ewlenin tal-Unjoni, iżda l-istudenti u l-professjonisti vokazzjonali spiss ikomplu jiffaċċjaw ostakli bla bżonn meta jfittxu opportunitajiet transfruntiera. It-titjib tat-trasparenza, il-portabbiltà u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki jista' jgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema, jissaħħaħ is-suq intern u jiġi żgurat li t-talent vokazzjonali jkun jista' jiċċaqlaq fejn ikun l-aktar meħtieġ.

Meħuda flimkien, din ir-riżoluzzjoni tfittex li tikkontribwixxi għal bidla usa' fil-mod kif l-Ewropa tapprezza l-għarfien, il-ħiliet u s-suċċess fl-edukazzjoni. Il-bini ta' Unjoni tal-Ħiliet ġenwina tirrikjedi aktar minn reazzjoni għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Kif rifless ukoll fl-impenn iddikjarat fl-Unjoni tal-Ħiliet li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom isiru "perkors ta' tagħlim apprezzat b'mod ugwali bħall-edukazzjoni għolja", dan ifisser li l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri għandhom jagħmlu wkoll dak li jgħidu fil-politiki, fl-istrumenti, fil-leġiżlazzjoni u fil-formulazzjoni.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).